



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0034(NLE)

6050/21
ADD 1

LIMITE

UK 34

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Frar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 64 final - Annex
Suġġett:	ANNEX ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 64 final - Annex.


Mehmuż: COM(2021) 64 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.2.2021
COM(2021) 64 final

ANNEX



ANNEX

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, fir-rigward tad-data ta' meta għandha tiegaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni

ANNEX

Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kunsill tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni bejn L-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra,

ta' ...

fir-rigward tad-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim tal-Kummerè u l-Kooperazzjoni

IL-KUNSILL TAS-SĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni bejn L-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra¹ (il-“Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni”), u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu FINPROV.11(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni, il-Partijiet qablu li japplikaw b'mod proviżorju dak il-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2021 dment li qabel dik id-data jkunu nnotifikaw lil xulxin li r-rekwiżiti interni rispettivi tagħhom u l-proċeduri meħtieġa għall-applikazzjoni proviżorja tlestew. L-applikazzjoni proviżorja għandha tieqaf f'waħda mid-dati li ġejjin, skont liema tiġi l-ewwel: (a) 28 ta' Frar 2021 jew data oħra kif deċiż mill-Kunsill tas-Sħubija; jew (b) l-ewwel jum tax-xahar wara dak li fih iż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri interni rispettivi tagħhom għall-istabbiliment tal-kunsens tagħhom li jintrabtu.
- (2) Peress li l-Unjoni Ewropea mhix se tkun tista', minħabba rekwiżiti proċedurali interni, tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni sat-28 ta' Frar 2021, jenħteġ li l-Kunsill tas-Sħubija jstabbilixxi t-30 ta' April 2021 bħala d-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja skont il-punt (a) tal-Artikolu FINPROV.11(2).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data ta' meta għandha tieqaf l-applikazzjoni proviżorja skont il-punt (a) tal-Artikolu FINPROV.11(2) tal-Ftehim ta' Kummerè u Kooperazzjoni għandha tkun it-30 ta' April 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill tas-Sħubija

Il-Kopresidenti

¹ ĠU L 444, 31.12.2020, p. 14.